



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 25 ta' Novembru 2020
(OR. en)

13351/20
ADD 2

Fajl Interistituzzjonali:
2020/0340(COD)

TELECOM 227
COMPET 592
MI 521
DATAPROTECT 135
JAI 1021
CODEC 1215
IA 95

NOTA TA' TRASMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	25 ta' Novembru 2020
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	SWD(2020) 296 final
Suġġett:	DOKUMENT TA' HĊDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI SOMMARJU EŻEKUTTIV TAR-RAPPORT TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT Li jakkumpanja d-dokument Proposta għal REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar il-governanza Ewropea tad- <i>data</i> (Att dwar il-Governanza tad- <i>Data</i>)

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument SWD(2020) 296 final.

Mehmuż: SWD(2020) 296 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 25.11.2020
SWD(2020) 296 final

DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI
SOMMARJU EŻEKUTTIV TAR-RAPPORT TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

Li jakkumpanja d-dokument

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar il-governanza Ewropea tad-*data*
(Att dwar il-Governanza tad-*Data*)

{COM(2020) 767 final} - {SEC(2020) 405 final} - {SWD(2020) 295 final}

A. Ħtieġa li tittieħed azzjoni
X'inh i l-problema u għaliex hi problema fil-livell tal-UE?
Il-problema li tindirizza din l-inizjattiva hija li l-kondiviżjoni tad-<i>data</i> fl-UE għadha limitata, minkejja l-benefiċċji potenzjali ta' tali kondiviżjoni għall-ekonomija u għas-soċjetà. Ġew identifikati tliet raġunijiet ewlenin għal dan: – fiduċja baxxa fil-kondiviżjoni tad-<i>data</i>; – diffikultajiet fl-użu mill-ġdid ta' ċerta <i>data</i> tas-settur pubbliku u l-ġbir ta' <i>data</i> għal raġunijiet altruwistiċi; – ostakoli tekniċi għall-użu mill-ġdid tad-<i>data</i>.
X'għandu jinkiseb?
L-oġettiv huwa li tiżdied il-fiduċja fil-kondiviżjoni tad-<i>data</i>, jissaħħu l-mekkaniżmi li jżidu d-disponibbiltà tad-<i>data</i> u jingħelbu l-ostakoli tekniċi għall-użu mill-ġdid tad-<i>data</i>. Dan se jappoġġa lid-disponibbiltà tad-<i>data</i> għall-użu fl-ekonomija (biex jiġu żviluppati prodotti u servizzi ġodda, aktar effiċjenza) u fis-soċjetà (biex jiġu indirizzati l-isfidi tas-soċjetà). L-inizjattiva għandha l-għan li toħloq il-bażi għal mod Ewropew ġdid ta' governanza tad-<i>data</i> bħala alternattiva għall-mudell ta' pjattaforma li bħalissa huwa mmexxi mill-kumpanija tat-teknoloġija kbira.
X'inh u l-valur miżjud ta' azzjoni fil-livell tal-UE (sussidjarjetà)?
Billi jkun hemm regoli komuni fl-Istati Membri kollha, l-inizjattiva tiżgura li l-kumpaniji jistgħu jibbenefikaw mill-iskala tas-suq intern, u jużaw il-prodotti u s-servizzi tagħhom fl-UE kollha. Il-kumpaniji u l-organizzazzjonijiet ta' riċerka jkunu jistgħu jaċċessaw <i>data</i> minn Stati Membri differenti taħt kundizzjonijiet simili.
B. Soluzzjonijiet
X'inhuma l-għażliet differenti biex jinkisbu l-oġettivi? Hemm għażla ppreferuta jew le? Jekk le, għaliex?
Il-valutazzjoni tal-impatt iffukat fuq erba' oqsma ta' intervent: mekkaniżmi għal użu mill-ġdid imsaħħaħ tad-<i>data</i> tas-settur pubbliku, miżuri biex tinholq fiduċja fl-intermedjarji tad-<i>data</i>, miżuri li jiffaċilitaw l-altruwiżmu mil-lat ta' <i>data</i> u l-ħolqien ta' mekkaniżmu Ewropew għall-koordinazzjoni u t-tmexxija tal-aspetti orizzontali tal-governanza. Għal kull qasam, il-valutazzjoni tal-impatt qieset għażliet mhux vinkolanti bħal pereżempju gwida jew rakkomandazzjonijiet, u żewġ għażliet ta' liġi vinkolanti li jvarjaw f'termini tal-grad ta' intensità tagħhom. L-analiżi kkonkludiet li l-miżuri ta' liġi mhux vinkolanti ma jistgħux ikunu mistennija li joħolqu l-fiduċja meħtieġa fil-kondiviżjoni tad-<i>data</i> fl-oqsma ta' intervent differenti. Pereżempju, l-altruwiżmu mil-lat ta' <i>data</i> għandu komponent qawwi ta' protezzjoni tal-konsumatur li l-oġettivi tiegħu huma diffiċli biex jinkisbu abbażi ta' miżuri mhux vinkolanti biss. Fir-rigward ta' użu mill-ġdid imsaħħaħ tad-<i>data</i> tas-settur pubbliku, tqiesu kemm mudell ċentralizzat kif ukoll mudell deċentralizzat għall-immaniġġjar tal-użu mill-ġdid tad-<i>data</i>. Għall-miżuri li għandhom l-għan li joħolqu fiduċja fl-intermedjarji tad-<i>data</i>, l-għażliet kienu differenti f'termini tan-natura volontarja jew obligatorja tal-iskema ta' tikkettar/ċertifikazzjoni. Għall-altruwiżmu mil-lat ta' <i>data</i>, ġew ivvalutati l-għażliet ta' skema ta' ċertifikazzjoni volontarja u skema ta' awtorizzazzjoni obligatorja. L-għażliet għall-ħolqien ta' mekkaniżmu Ewropew għall-koordinazzjoni u għat-tmexxija tal-aspetti orizzontali tal-governanza kienu l-ħolqien ta' korp legali awtonomu u li l-Kummissjoni tiġi fdata bit-twaqqif ta' grupp ta' esperti. Il-valutazzjoni kkonkludiet li għal tliet oqsma ta' intervent, l-għażla ta' intensità aktar baxxa kienet preferibbli. Madankollu, għall-altruwiżmu mil-lat ta' <i>data</i> l-għażla ta' intensità oġhla kienet aktar

favorevoli: awtorizzazzjoni obligatorja maħruġa minn awtorità pubblika toħloq il-fiduċja meħtieġa fil-mekkaniżmi tal-altruwiżmu mil-lat ta' <i>data</i> . Għat-tikkettar jew iċ-ċertifikazzjoni tal-intermedjarji tad- <i>data</i> , l-iskema obligatorja ta' intensità oġhla tkun ukoll alternattiva fattibbli, peress li tistabbilixxi regoli ċari biex joperaw fi ħdan is-suq Ewropew tad- <i>data</i> u toħloq fiduċja akbar fis-servizzi ta' tali intermedjarji.
X'inhi l-opinjoni tal-partijiet ikkonċernati differenti? Liema għażla u min jappoġġaha?
L-awtoritajiet pubbliċi jilqgħu l-isforzi biex jiffaċilitaw il-parteċipazzjoni tas-settur pubbliku fl-spazji komuni Ewropej tad- <i>data</i> . Jappoġġaw mekkaniżmu ta' punt uniku ta' servizz għall-użu mill-ġdid tad- <i>data</i> , kif ukoll rwol aktar b'saħħtu tal-korpi tal-UE fil-prijoritizzazzjoni tal-istandards. L-organizzazzjonijiet tal-industrija, inkluż l-SMEs u l-assoċjazzjonijiet tan-negozju, jenfasizzaw l-importanza tal-istandardizzazzjoni u tal-interoperabbiltà, u jippromwovu l-adozzjoni ta' mekkaniżmu volontarju ta' ċertifikazzjoni/tikkettar għall-intermedjarji tad- <i>data</i> . L-istituzzjonijiet akkademiċi u ta' riċerka jappoġġaw it-tisħiħ tal-użu mill-ġdid ta' ċerta <i>data</i> tas-settur pubbliku u tal-altruwiżmu mil-lat ta' <i>data</i> . Il-pubbliku ġenerali jappoġġa strateġija ġenerali tad- <i>data</i> u l-kondiviżjoni altruwistika tad- <i>data</i> , kif ukoll l-introduzzjoni ta' għodod tekniċi li jippermettu lin-nies jipparteċipaw b'mod attiv fl-ekonomija tad- <i>data</i> .
C. Impatti tal-għażla ppreferuta
X'inhuma l-benefiċċji tal-għażla ppreferuta (jekk hemm, inkella x'inhuma dawk ewlenin)?
Il-pakkett ippreferut ikollu impatt dirett fuq l-ekonomija tad- <i>data</i> tal-UE ta' bejn EUR 7,2 u EUR 10,9 biljun fl-2028. Barra minn hekk, l-inizjattiva taġixxi bħala katalist għall-ħolqien ta' servizzi aktar effiċjenti u prodotti ġodda bbażati fuq id- <i>data</i> , inkluż l-intelliġenza artifiċjali. Dan jibbenefika mhux biss lill-ekonomija tad- <i>data</i> iżda wkoll lill-ekonomija u lis-soċjetà tal-UE kollha kemm huma. Pereżempju, tgħin biex tinkiseb iż-żieda potenzjali ta' EUR 1,3 triljun fil-produttività tal-industrija tal-manifattura sal-2027 permezz tad- <i>data</i> tal-Internet tal-Oġġetti, u tgħin biex jiġu ffrankati madwar EUR 120 biljun fis-sena fis-settur tas-saħħa tal-UE.
X'inhuma l-kostijiet tal-għażla ppreferuta (jekk hemm, inkella x'inhuma dawk ewlenin)?
Ir-rapport jagħti dettalji dwar il-kostijiet differenti ta' kull miżura għall-partijiet ikkonċernati, inkluż kemm il-produtturi tad- <i>data</i> kif ukoll l-utenti mill-ġdid tad- <i>data</i> . Pereżempju, skema volontarja ta' tikkettar tipproduċi kost ta' darba ta' EUR 20 000 - 50 000 għall-intermedjarji tad- <i>data</i> biex jiksibu tikketta.
X'inhuma l-impatti fuq l-SMEs u fuq il-kompetittività?
L-SMEs se jibbenefikaw minn aċċess simplifikat għad- <i>data</i> tas-settur pubbliku. Għall-intermedjarji ġodda tad- <i>data</i> , il-gwadanji potenzjali fil-bażi tal-klijenti u fid-dħul se jaqbżu bil-kbir il-kostijiet imġarrba għaċ-ċertifikazzjoni/għat-tikkettar.
Se jkun hemm impatti sinifikanti fuq il-baġits u l-amministrazzjonijiet nazzjonali?
L-Istati Membri li għad ma għandhomx strutturi fis-seħħ biex jagħmlu disponibbli <i>data</i> miżmuma pubblikament se jġarrbu kostijiet. Dan jista' jammonta għal kost ta' darba ta' EUR 10,6 miljun bħala medja għal kull Stat Membru u għal kost annwali rikorrenti ta' EUR 610 000 għall-manutenzjoni. Madankollu, il-gwadanji ekonomiċi mit-tariffi u mill-iffrankar minħabba effiċjenza oġhla (dawn tal-aħħar huma stmati għal EUR 684 miljun fis-sena) ikunu ferm akbar minn dawn il-kostijiet.
Se jkun hemm impatti sinifikanti oħra?
Użu aħjar tad- <i>data</i> jista' jwassal għal titjib fis-saħħa u fil-benesseri, ambjent aħjar, azzjoni klimatika msaħħa u servizzi pubbliċi aktar effiċjenti. Fis-settur tas-saħħa, id- <i>data</i> tista' tgħin biex jiġu żviluppati trattamenti aħjar u aktar personalizzati. Fis-settur tal-mobbiltà, minbarra l-iffrankar ta' aktar minn 27 miljun siegħa tal-ħin tal-utenti tat-trasport pubbliku, jistgħu jiġu ffrankati sa EUR 20 biljun fis-sena

Ħkostijiet lavorattivi tas-sewwieqa tal-karozzi bis-saħħa tan-navigazzjoni fil-ħin reali. Dan inaqqas il-ħin fit-traffiku u jkollu benefiċċji għall-ambjent, minħabba tnaqqis fl-emissjonijiet tas-CO₂ u fit-tniġġis tal-arja.

Proporzjonalità?

L-inizjattiva hija qafas ta' abilitazzjoni għall-kondiviżjoni tad-*data* fl-UE. Hija proporzjonata għall-oġġettivi mfittxija u tħalli flessibbiltà għal miżuri addizzjonali fil-livelli nazzjonali u speċifiċi għas-setturi.

D. Segwitu

Meta se tiġi rieżaminata l-politika?

Il-politiki se tiġi rieżaminata wara erba' snin.